TRIBUNAL GHAL TALBIET
TAL-KONSUMATUR

MALTA

CONSUMER CLAIMS
TRIBUNAL

Avviż Numru CCT 273/11

**Rita Mifsud**

**vs**

**Home Zone**

Illum 6 ta' Frar, 2012

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi ppreżentati fis-6 ta' Ġunju, 2011 fejn ir-rikorrenti talbet rifużjoni ta' tmienja u erbgħin ewro (€48), rappreżentanti *table cooker* li beda ħiereġ it-tbajja.

L-intimat ma ppreżentax risposta bil-miktub għal din it-talba, iżda attenda għas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li hija l-istess rikorrenti, u wara li sema' x-xhieda ġuramentata tas-soċjeta' intimata li huwa rappreżentant tas-soċjeta' intimata, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrenti issottomettiet bil-miktub illi hija kienet xtrat *table cooker* u wara xi ġimgħa li wżatu, dan it-*table cooker* beda jittebba.

Is-soċjeta' intimata ssottomettiet illi r-rikorrenti wżat it-*table cooker* ħażin, forsi xi *curry* u għalhekk ittebba.

It-Tribunal, kellu wkoll l-opportunita' li jispezjona dan it-*table cooker* u għalhekk jasal għal konklużjoni li jilqa' t-talba tar-rikorrenti, stante li wara ġimgħa wieħed ma jippretendix li dan it-*table cooker* għandu jittebba'.

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, qed jilqa' t-talba tar-rikorrenti, u jordna lis-soċjeta' intimata tħallas l-ammont ta' erbgħin ewro (€40), bl-ispejjeż kontra l-istess soċjeta' intimata, b'dan illi t-*table cooker* jiġi propjeta' tas-soċjeta' intimata wara li jsir il-ħlas.

**Avv Martin Fenech**
**Arbitru**